MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 97/2005

Kawza fil-lista: 20

**A B C**
**vs**
**D B C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici premettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut fis-7 ta’ Mejju, 1994, minn liema zwieg twieldu zewgt itfal E u F.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

U peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(d) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li Jirregola z-Zwigijiet.

Jghid, ghalhekk, il-konvenut ghaliex m' ghandiex din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi huwa jaqbel mat-talba attrici li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Mejju 1994, ghandu jigi dikjarat null u bla effett, pero' ghal htijiet u ragunijiet imputabbli lill-attrici u ghalhekk ma ghandux ibati spejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut kuntrattat fis-7 ta' Mejju 1994 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali "tal-partijiet" jinsab vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] "u/jew" fit-termini tal-paragrafu [f] "u/jew" fit-termini tal-paragrafu [h] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Minn naha tieghu l-konvenut eccepixxa li, filwaqt li jaqbel li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null, dan huwa imputabbli ghall-htijiet da parti ta’ l-attrici

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta’ Mejju 1994, meta allura l-attrici kellha 24 sena u l-konvenut kellu 23 sena, wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin hames [5] snin. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal, wiehed seba’ xhur wara d-data taz-zwieg u l-iehor fis-sena 1999. Fl-interval l-attrici sofriet miscarriage. Sussegwentement il-partijiet isseparaw minhabba li ma rnexxielhom isolvu l-problemi li rriskontraw maghhom tul il-konvivenza bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi hareg car li l-problemi ta’ konvivenza bejn iz-zewg partijiet jinsabu fid-differenza fil-karattru taghhom. Il-partijiet ma’ gharfux jilhqu kompremess bejniethom u jistabilixxu modus vivendi accettabbli ghat-tnejn, bil-konsegwenzjali tkissir taz-zwieg taghhom. Izda kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza, mhux kull inkwiet matrimonjali isib l-gheruq tieghu f’ kunsens matrimonjali vizzjat, b’ mod li ghalkemm jikunu jezistu fatturi li fil-ligi jwasslu validament ghal separazzjoni personali bejn il-koppja, dan ma jwassalx necessarjament ghall-annullament taz-zwieg, stante li l-estremi fattwali u legali ta’ dawn iz-zewg kuncetti huma differenti.

Illi l-attrici qeda tibbaza l-azzjoni taghha fuq tlett kawzalijiet bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, u precisament il-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafi [d], [f] u [h].
Illi rigward l-ewwel kawzali, l-attrici ssostni li l-kunsens “tal-partijiet” kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza *“App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni

ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju mhux semplicement nuqqas ta’ hsieb, jew nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* “Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”

Fil-kaz in disamina l-partijiet kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin qabel iz-zwieg ghal circa hames snin [5] li matulhom huma kellhom kuntatt kontinwu ma’ xulxin anke fuq livell ta’ intimita’, u ghalhekk kellhom l-opportunita’ li jkunu jafu lil xulxin sew.

Illi l-ilment principali ta’ l-attrici u li fuqu hija qeda tibbaza l-kaz taghha huwa li l-konvenut kien ikun riluttanti li jaghmel l-attivita’ sesswali maghha, tant li kif tghid hi, l-avvanzi ghal dan l-iskop kienu jsiru dejjem minnha, u spiss il-konvenut kien isib skuza sabiex ma jikkoperax maghha. Hija tghid li hi kienet thoss li l-konvenut ma kienx komdu maghha f’ dawn il-mumenti ta’ intimita’. Tghid ukoll li hija kienet rravizat dan il-fattur anke waqt iz-zmien ta’ l-gherusija, tant li dan il-fatt kien nissel fiha certu dubji jekk

ghandhiex tizzewweg lill-konvenut, izda tghid li hadet d-decizjoni li tizzewwgu.

L-attrici tispjega wkoll li, minhabba dan il-komportament tal-konvenut fil-konfront taghha li jevita mumenti ntimi, hija kienet thossa "rejected" u dan kien ikollu effett negattiv fuqha u fuq ir-relazzjoni emozzjonali u affettiva ta' bejniethom. Hija tghid li l-konvenut kien jahdem sieghat twal, u kien izomm ruhhu ghalih bir-rizultat li l-oneru kollu tal-familja waqa' fuqha.

In propositu l-Qorti tosserva li t-tesi attrici tinsab imdghajjfa mis-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] Illi l-allegazzjoni ta' l-attrici li l-konvenut ma kienx komdu maghha fir-relazzjonijiet intimi, hija michuda minnu. Huwa jghid: "Jiena da parti tieghi ma kontx inhoss illli kont cold maghha, u ghalhekk qatt ma qbilna fuq dan l-aspett."[1]

[2] Illi, irrispettivament minn mill-koppja javvicina lil min ghall-iskop ta' intimita', il-fatt provat hu li l-koppja kien ikollhom relazzjoni sesswali normali, li rizultat taghha ghandhom zewgt it-tfal, bit-tieni tarbija titwieled <u>hames snin wara</u> z-zwieg, u <u>kienet ippjanata</u> u kienet rizultat ta' impjieg ta' feritility pills li l-attrici kienet tiehu proprju sabiex inqabad tqila' ghat-tielet darba.

[3] Illi l-fatt li l-koppja kellhom tarbija ppjanata wara hames snin ta' zwieg iddghajjef serjament l-allegazzjoni attrici fejn tpingi lill-konvenut bhala bniedem riluttanti, egoist u li donnu ma ried jafx bil-hajja mizzewwga ma' l-attrici. Wara kollox kif tghid l-istess attrici fl-affidavit taghha: "D ma kienx jittratani b' xi mod hazin u dejjem [sic] zammni tajba, bhal per ezempju fil-flus.."[2] u fid-deposizzjoni taghha tghid: "We never had any arguments, no arguments at home, hadd ma jismaghna nghajjtu jigifieri, m' hemm xejn x' targumenta [sic]."[3]

---

[1] Fol.36
[2] Fol.18
[3] Fol.57

Il-fatt li l-attrici kien ihossha traskurata mill-konvenut emozjonalment, anke jekk huwa forsi minnu li biz-zmien il-koppja birdet, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut, jew l-istess attrici, kienu affetti minn inkapacita' psikika li jgharrfu d-dmirijiet konjugali taghhom, jew li f' dak iz-zmien kien hemm nuqqas ta' maturita' affettiva. Kif gja fuq osservat huma kienu ilhom zmien twil jiffrekwentaw lil xulxin bi skop evidenti ta' zwieg, u din il-Qorti ssibha difficli ferm li taccetta bhala veritiera l-allegazzjoni attrici li ma kienx hemm imhabba bejniethom meta zzewwgu. Il-fatt li seba xhur wara z-zwieg dawn kellhom l-ewwel tarbija jdghajjef it-tesi attrici f' dan ir-rigward.

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-attrici baqet vicin hafna ta' ommha, u di fatti kienet tqatta' gurnata shiha ghand il-genituri. Huwa jghid li l-attrici ma kienitx taf tistenna, u kienet tixtri l-affarijiet u tordna xogholijiet anke meta ma l-koppja ma kellhomx flus imgemmghin ghal dan l-iskop. Hija kienet taqa' fuq il-genituri taghha, li kienu jghatuha appogg finanzjarju.

In propositu l-Qorti tosserva:

[1] Illi l-Qorti mhi sorpriza xejn bil-fatt li l-attrici kienet tqatta' hafna hin mal-genituri taghha, tenut kont tal-fatt li l-konvenut kien jahdem sieghat twal u kien jigi tard id-dar.

[2] Illi rigward it-tieni fattur, il-Qorti hija konvinta li l-konvenut zgur li kien jaf bil-karattru ta' l-attrici, anke fejn jidhlu flus, u ghalhekk ma tarax kif dan il-fatt, anke jekk minnu, jista' jkollu relevanza fl-esercizju in disamina.

In fine tosserva li, l-allegazzjonijiet tieghu li "A ma kienitx lesta ghall-hajja mizzewwga u ma kienitx lesta ghar-rabta u ghas-sagrificcju li jgib mieghu iz-zwieg." ma ssibx sostenn fil-provi, anzi hija kontradetta mill-fatt li, kif irrizulta mill-atti, l-attrici kienet tiehu parti attiva fil-hajja mizzewwga bejn il-partijiet, kienet tiehu hsieb id-dar u it-tfal, u kienet ukoll lesta li wara hames snin ta' zwieg ikollha tarbija ohra kif fil-fatt kellha.

In vista tal-premess il-Qorti ma tirravisax l-ezistenza tal-caput nullitatis in disamina, fl-ebda wahda mill-partijiet; izda tara biss li wara z-zwieg zviluppaw cirkostanzi li bieghdu l-partijiet minn xulxin.

Illi t-tieni kawzali li fuqha l-attrici qeda tibbaza l-kaz taghha biex tannulla z-zwieg bejn il-paritjiet hija dik kontemplata fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

Kif osservat din  il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza  9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun  hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, <u>esternament turi</u> li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' <u>att pozittiv tal-volonta'</u> taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs B Grech – 14.08.1995;  Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jhigi Kif osservat din  il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza  9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, <u>esternament turi</u> li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' <u>att pozittiv tal-volonta'</u> taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs B Grech – 14.08.1995;  Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jhigi ppruvat.

Ghalhekk sabiex l-attur jirnexxi f' din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b' att posittiv tal-volonta' taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, u l-ben essere reciproku.

Ghalhekk sabiex l-attur jirnexxi f' din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b' att posittiv tal-volonta' taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, u l-ben essere reciproku.

Ghandu jirrizulta car mill-provi li dan il-caput nullitatis ma jezistix. Ma hemm xejn x' juri li xi hadd mill-partijiet eskluda xi obbligazzjoni necessarja ghall-hajja mizzewwga ma' l-ghoti tal-kunsens. It-tnejn kienu jafu lil xulxin sew, u t-tnejn hadu d-decizjoni li jizzewwgu u riedu jizzewwgu sabiex jikkonvivu flimkien u jipprokreaw u jrabbu t-tfal f' ambjent ta' familja. Dak li zviluppa wara, ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni.

Illi rigward il-*caput nullitatis* kontemplata fil-paragrafu [h], il-Qorti tosserva li l-attrici kemm ghamlet referenza ghalih bil-mod segwenti "u/jew [h]" minghajr ma elaborat xejn.

Ghal kompletezza jinghad li dan il-paragrafu jikkontempla li kaz fejn il-parti, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg,

ukoll minhabba raguni temporanja, “setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.” Dan manifestament ma jikkonfigurax fil-kaz in disamina.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhijex gustifikata fid-dritt u ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------